**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Frar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1037/2022 AF**

**Bortex Clothing Industry Company Ltd (C-2371)**

**vs**

**Georgiev PLP Ltd, socjetà estera registrata fil-Bulgarija bin-numru tal-VAT BG205828638, u bl-ufficcju registrat gewwa San Stefano N47, 5800 PLEVEN, Bulgarija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' Bortex Clothing Industry Company Limited, li permezz tiegħu wara li gie premess illi:

Is-socjetà esponenti inkarigat lis-socjetà intimata sabiex timmanifattura hwejjeg u ilbiesi abbazi tas-sistema maghrufa bhala "CMT" (*Cut, Make and Trim*) fejn l-esponenti tipprovdi d-disinn u l-maggor parti tal-materjal inkluz id-drapp, filwaqt li l-intimata taqta' id-drapp (*Cut*), timmanifattura l-hwejjeg skond id-disinn fornit lilha (*Make*) u taghmel it-tirqim u l-accessorji (*Trim*).

L-intimata naqset milli timmanifattura l-hwejjeg kollha skond is-sengha u l-arti u/jew skond il-kwalità u l-ispecifikazzjonijiet pattwiti, bil-konsegwenza illi kwantitajiet kbar ta' hwejjeg gew rifjutati mix-xerrej terz fl-Ingilterra, il-kumpannija Charles Tyrwhitt Shirts Ltd.

L-intimata accettat dan in-nuqqas taghha tant li ttentat tirrimedja l-hwejjeg li gew rifjutati mix-xerrej terz fl-Ingilterra. Madanakollu, l-intimata ma rnexxiliex taghmel dan fis-shih.

Konsegwenza tal-inadempjenzi u n-nuqqsijiet tal-intimata, l-esponenti sofriet danni fl-ammont ta' disgha u erbghin elf tliet mija sitta u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€49,346.79) konsistenti fin-nefqa zejda ghat-trasport mill-gdid tal-hwejjeg rifjutati, in-nefqa zejda ghal *sorting* mill-gdid u *de-labelling* tal-hwejjeg rifjutati, u telf ta' qligh kawza tal-fatt li l-hwejjeg rifjutati kellhom jinbieghu ghal prezz hafna aktar baxx bhala '*seconds'* lill-kumpannija TJX UK (id-ditta TK Maxx), u dan kollu kif jirrizulta mill-prospett anness (**Dok A**).

Is-socjetà intimata hija ghalhekk debitrici tas-socjetà esponenti fl-ammont ta' disgha u erbghin elf tliet mija sitta u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€49,346.79).

Id-dejn dovut lis-socjetà esponenti mis-socjetà intimata huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta-socjetà esponenti, l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega mill-ligi skont l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skont it-talba, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà esponenti fl-ammont ta' disgha u erbghin elf tliet mija sitta u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€49,346.79).

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà esponenti l-ammont ta' disgha u erbghin elf tliet mija sitta u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€49,346.79).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bl-ghola rata permessibbli bil-ligi, kontra s-socjetà intimata.

Rat li s-socjetà intimata debitament notifikata ma nkarigat lil ebda rapprezentant taghha biex jidher ghas-seduta.  Lanqas ma giet prezentata ebda nota fir-registru kif trid il-ligi.

Rat li t-talba hija gustifikata.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi s-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' disgha u

erbghin elf tliet mija sitta u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€49,346.79).

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-socjetà Georgiev PLP Limited thallas lil Bortex Clothing Industry Company Limited is-somma ta' disgha u erbghin elf tliet mija sitta u erbghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€49,346.79), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG